**Innu solenni lil Ġesù Salvatur (II)**

Manoel Pirotta
Manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont introduċejtkom mal-ewwel parti tal-artiklu li jitratta fuq l-Innu solenni Ġesù Salvatur ta' Mro. Antonio Miruzzi. L-artiklu kien maqsum prinċipalment f'żewġ taqsimiet u li fih konna tkellimna fuq it-*Trasfigurazzjoni tas-Salvatur* skont l-Evanġelju ta' San Mattew, u l-arja li fiha jkanta t-Tenur. Kif wgħedkom ukoll, fl-artiklu ta' din is-sena ser inkun qed nikteb fuq din il-ġrajja kbira skont kif rakkuntata fl-Evanġelju ta' San Mark. F'dik li silta mużikali mbagħad, ser inkun qed nitkellem fuq id-Dwett sempliċi, imma ħelu, bejn it-Tenur u l-Baxx.

Biex wieħed ikollu stampa aktar ċara ta' kif inhu mqassam mużikalment l-Innu l-Kbir, nissuġġerixxi lill-qarrej biex jirreferi ruħu għall-artiklu tiegħi bit-titlu ta' *Ġawhar mużikali li ndaqqu mill-Banda Pio X fil-festa* fil-ktieb tal-festa 2014. Fih għandkom issibu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-varji taqsimiet li minnhom hu minsuġ wieħed mill-kapolavuri li ħarġu mill-pinna ta' Miruzzi.

Kliem muftieħ: Innu solenni lil Ġesù Salvatur, Innu di Gloria, Mro. Antonio Miruzzi, Trasfigurazzjoni, Salvatur, Tabor, Iz-zija ta' Ħal Lija, Soċjetà Mużikali Banda San Pio X Lija.




IT-TWAQQIF TA' BANDA ĠEWWA ĦAL LIJA: Il-banda San Pio X twieldet billi xi membri li qabel kienu jdoqqu strument tal-korda, fosthom mandolinisti u kitarristi żgħażagħ, urew ix-xewqa li jibdew jitgħallmu jdoqqu wkoll xi strument sabiħ tal-banda. Dan wassal biex il-kumitat ta' dak iż-żmien nieda konkors ħalli jinstab surmast biex jifforma banda bihom. Kienu diversi is-surmastrijiet diretturi stabbiliti li wieġbu għas-sejħa li kienet saret fil-ġurnali fosthom maestri barranin aktarx mill-Italja. Jissemmew ismijiet bħalma huma Gregorio Molinari, Giuseppe Filiberti, Francesco Parisi[1], u Gaetano Emanuele Calì[2] - li kien ukoll assistent direttur tal-orkestra tat-Teatru Rjal, kif ukoll oħrajn Maltin bħalma huma George Hendren[3], Ġanni Gatt[4] u Antonio Miruzzi. Għal dan il-għan, ġiet imwaqqfa kummissjoni apposta biex tagħżel wieħed adattat minn fost il-lista twila ta' surmastrijiet mustaċċuni. Mhux magħruf fuq liema kriterji l-

[1] Kien Surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Gran Mastru Antoine de Paule' Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid (1921-3). Kien hemm ukoll ċertu Giuseppe Parisi, li seta' kien jiġi minnu, forsi missieru, jew ħuh ikbar minnu, u li kien Surmast tas-Soċjetà Mużikali 'Queen's Own' tal-Isla f'żewġ perjodi differenti bejn l-1897-1905 u l-1912-1919.

[2] Kien Surmast tal-banda Żebbuġija 'De Rohan' (1907-14). Calì jissemma wkoll fost is-surmastrijiet 'Taljani' li kellha l-banda Vilhena tal-Furjana.

[3] Xi tagħrif fuq ħajtu u xogħlijietu jagħtihulna Robert Mifsud Bonnici, awtur u bijografu, fil-ktieb tiegħu 'Mużiċisti kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum'. Iżda, għad li ħafna mit-tagħrif li jagħti huwa korrett, mhux l-istess jista' jingħad għad-dati tat-twelid u l-mewt tiegħu. Dan peress li, is-Surmast Hendren twieled fl-1884 (2 ta' Novembru) u mhux fl-1855, u miet fl-1919 (1 ta' Lulju) u mhux fl-1922. George twieled l-Imdina minn Eugene Foster Hendren, (Ingliż li dak iż-żmien inzerta kien stazzjonat Malta u jservi fl-*Army Medical Corps*), u Maria Dolores, imwielda Tanti, Maltija. Għadu tfal, George tgħallem idoqq il-vjolin u strumenti oħra għand is-Surmast Manwel Bartoli. Ingaġġa ruħu bħala bandist fl-Artillerija Rjali ta' Malta (1899), u sena wara daħal ukoll idoqq prim maż-żewġ baned Beltin. Kien ġie promoss għal Kapural (1903), u mbagħad għal Surġent (1905). Skont Mifsud Bonnici, fl-1904 kien laħaq ukoll Surmast-direttur tal-Banda Militari l-Ewwel Battaljun tal-Milizzja Maltija. Data oħra li kull bijografu jaqbel fuqha hija dik tal-1909 meta George, ta' 25 sena, intbagħat Londra fuq kors ta' tliet snin għas-spejjeż tal-Gvern sabiex ikompli jistudja fir-*Royal Military School of Music* ġewwa Kneller Hall. Wara li temm b'suċċess il-kors, George ġie promoss għal *Warrant Officer* u eventwalment laħaq *Bandmaster* tal-Artillerija Maltija flok is-Surmast Bartoli pensjonant (1911). Ikkompona mużika kemm għall-banda kif ukoll għall-orkestra fosthom, 'Lo Chalet' (opra). Mro. George Hendren kien ingħaqad fiż-żwieġ ma' Carmela, imwielda Gatt nhar l-20 ta' Settembru 1903 fil-knisja ta' Sta. Katerina tal-Italja, il-Belt Valletta, u minnha kellu wild wieħed, Oscar (1905-1953). Miet fid-dar tiegħu stess ta' Tas-Sliema fl-età żgħira ta' 34 sena u jinsab midfun fit-taqsima militari ġoċ-ċimiterju tal-Addolorata.

[4] Giovanni Gatt kien Surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Pinto' Banda San Sebastjan ta' Ħal Qormi (1906-11). Awtur tal-Innu l-Kbir San Ġorġ fuq versi bit-Taljan tal-president Ġuże Muscat Azzopardi, liema versi mbagħad inqelbu għall-Malti u minflok ġie ddedikat

kummissjoni setgħet imxiet, iżda wara ħafna stħarriġ, l-għażla sa fl-aħħar waqgħet fuq is-Surmast Antonio Miruzzi (1867-1944).

IL-MUŻIKA BĦALA PROFESSJONI: Meta kienet ħarġet l-applikazzjoni għal din il-kariga, Miruzzi kellu kważi dawk l-erbgħin sena u allura kien fl-aqwa tal-karriera mużikali tiegħu.[5] Insemmu biss li hu kien diġà iħabbat mal-aqwa baned li kien hawn fil-gżejjer Maltin fosthom, l-ewwel banda Mostija, is-Soċjetà Filarmonica 'Nicoló Isouard' sa mill-1894 u dik l-ewwel banda Ħamruniża, is-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' sa mill-1899. Ta' min jgħid li, kien ma' din tal-aħħar li l-aktar li dam Surmast tul il-karriera professjonali tiegħu bħala mużiċist, kompożitur, u direttur – i.e. bejn l-1899 u l-1928. Irid jingħad ukoll li, il-karriera mużikali tiegħu tmur lura talanqas sal-1890 meta kien ġie nominat bħala *Maestro Istruttore* tal-allievi mill-Kumitat tal-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta b'salarju ta' lira fix-xahar. Snin wara, preċiżament fl-1898, kienet twaqqfet l-Orkestra Mandolinistika fi ħdan l-istess banda Beltija u li biha Miruzzi kien jagħti wirjiet f'diversi postijiet f'Malta. Kien għamilha wkoll ta' aġent direttur tal-Banda 'La Valette' għal sena waħda biss bejn l-1899 u l-1900.

U bħallikieku dawn il-karigi kollha li kellu ma kinux biżżejjed għalih, Miruzzi kien iħabbat ukoll mas-Soċjetà Mużikali 'La Vincitrice' tal-Isla, li llum saret il-'Queen's Own, bejn l-1890-4. Eżatt fl-istess snin ukoll, kien Surmast-direttur tal-banda Għawdxija, is-Soċjetà Filarmonika 'Leone'. Ma' dawn wieħed irid iżid jgħid ukoll li, Miruzzi kien laħaq Surmast-direttur tal-banda Slimiża, 'I Cavalieri di Malta' fl-1899. Din il-banda kienet sfaxxat f'qasir żmien, iżda mhux qabel ma żanżnet mill-pinna tiegħu l-innu lill-Madonna[6] fl-1902. Baned oħra li kien magħhom għal xi żmien kienu jinkludu s-Soċjetà Filarmonica 'Sta. Maria' tal-Mosta (1900) u s-Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' ta' Bormla (1905). Fil-każ ta' dawn iż-żewġ baned jidher li ma teżistix biżżejjed dokumentazzjoni għalbiex insiru nafu kemm seta' dam fit-treġija tagħhom.

Bħal fil-każ ta' baned oħra, Miruzzi ma kienx imfittex għax kien kompożitur prolifiku u versatili biss. Fi kliem Joseph Mifsud Matrenza – l-istorjografu tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, 'kien jieħu l-mużika b'serjetà kbira. Kien surmast ta' dixxiplina kbira u ma kienx jittollera l-ebda assenza mingħajr ma tkun ġustifikata. Huwa kien iwarrab dawk il-bandisti li jonqsu mill-kunċerti (provi) u li ma jurux amor proprju għall-banda.' Matrenza jżid jgħid li, 'għalkemm kien jidher xi ftit strett u esiġenti, il-bandisti kienu jammirawh għall-metodu tat-tagħlim, għad-direzzjoni perfetta u għall-kompożizzjonijiet mużikali.'



MINN ORKESTRA GĦAL BANDA: Sa mill-bidunett, Miruzzi ried iwaqqaf lill-banda l-ġdida ġewwa Ħal Lija fuq sisien sodi. Dan għamlu f'qasir żmien

---

lil San Bastjan. Indaqq għall-ewwel darba fl-1907 meta s-Surmast Ġanni Gatt kien għadu kif beda jidderieġi l-Banda 'Pinto'. Kien ukoll Surmast tal-Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own' tal-Birgu (1924-32).

[5] Għalkemm imwieled Malta, Miruzzi għal bidu xtaq jagħmel karriera mużikali barra minn xtutna. Ibda biex, ta' 17-il sena (c. 1884) kien diġà ntbagħat biex jistudja l-mużika l-Italja – ħasra li ma nafux f'liema skola mużikali kien mar. Skont artiklu twil ta' Mro. Michael Chircop li kien deher fil-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" tas-26 ta' Jannar 1972, f'xi żmien wara li spiċċa mill-istudji tiegħu 'kien ġie imwebbel biex jimbarka fuq vapur navali bħala mużikant, bil-ħsieb sintendi li jilħaq surmast meta jirtira l-*bandmaste*r.' Iżda ġara li, meta l-*bandmaster* Bartolo kien 'wasallu ż-żmien biex jispiċċa talab sabiex iġeddulu tliet snin oħra. Din it-talba qalagħha u tliet snin għal Miruzzi kienu twal wisq biex jistenna u għalhekk reġa' ħalla l-vapur wara biss ftit xhur.' Fil-frattemp, Miruzzi kien iżżewweġ lil waħda Maltija, Konċetta, imwielda Cauchi, u minnha kellu l-ulied. Mro. Chircop ikompli jgħidilna li, f'xi żmien wara din il-ġrajja, 'il-Maltin f'Tuneż semgħu b'A Miruzzi u bagħatu jitolbuh biex jitla' Tuneż u jagħqdilhom Soċjetà Mużikali u li għammduha bl-isem ta' *Melitensis La Vallete*. Il-ħsieb għoġbu u wara ftit ġranet hu u l-mara kienu Tuneż. L-għaqda ġiet iffurmata u kibret sakemm dan dam Tuneż. Fis-sitt snin kollha f'Tuneż il-mara tas-surmast Miruzzi ma setgħetx tidra u għamlet f'qalbha u hawn flimkien kellhom iħallu Tuneż u jerġgħu lura Malta.' Jidher li, wara dan l-episodju, Miruzzi ma reġax ittanta xortih barra minn Malta u għaldaqstant beda jsib xogħol mal-baned Maltin. Madankollu, huwa siefer kemm-il darba lejn Sqallija mal-banda Ġużeppina Ħamruniża fis-snin ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija.

[6] Fil-ġurnal *Risorgimento* tal-25 ta' Awwissu 1902 kienu ġabu li dan l-innu kien kompost minn Miruzzi: '*... Il nuovo inno alla Vergine composto del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro. A. Miruzzi.*'

tant li, fit-30 ta' Diċembru tal-1906 il-banda għamlet programm tal-inawgurazzjoni tagħha fuq iz-zuntier tal-knisja. Dan kien il-bidu tal-banda 'Papa Pio X'. Illum, li għaddew 110 snin minn mindu daqqet l-ewwel darba fil-pubbliku, il-banda għadha tferraħ lill-partitarji Lijani fil-jiem tal-festa ta' Ġesù Salvatur. (Fir-ritratt tal-ġenb tidher is-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* kif kien sabha Mro. Miruzzi meta laħaq surmast tas-Soċjetà u qabel ma ttrasformaha f'banda, bil-għajnuna wkoll tal-ewwel surmast, F. S. Pizzuto. Aktarx li, din l-'orkestra' twaqqfet fl-1894 u kienet magħmula minn 22 element – seba' mandolini [fir-ringiela ta' wara nett], sitt vjolini u żewġ vjoli fuq kull tarf [tielet ringiela], erba' kitarri [tieni ringiela], u tnejn oħra bilqiegħda quddiem u bi vjolinċell f'nofshom. Jidhru wkoll żewġ persunaġġi oħra bilqiegħda jħarsu laġenba lejn xulxin, b'wieħed minnhom, aktarx surmast, jippoża bil-bakketta f'idu l-leminija. Tajjeb wieħed jinnota wkoll li, l-orkestra ma kenitx tinkludi kuntrabaxx u strumenti tal-perkussjoni.)

Minn dan kollu li rajna, naslu għall-konklużjoni li, l-Innu solenni lil Ġesù Salvatur bilfors li nkiteb f'xi żmien wara li Mro. Antonio Miruzzi kien laħaq surmast tal-banda fl-1906, imma sfortunatament, id-data preċiża tibqa' mistura fiċ-ċpar tal-passat.

## Taqbila - Iz-zija ta' Ħal Lija: Darba iz-zija ta' Ħal Lija / Ġiet għalija filgħaxija ... (tkompli)

It-Trasfigurazzjoni[7] tas-Salvatur skont l-Evanġelju[8] ta' San Marku:



Hu maħsub li, l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu skont San Marku kien l-ewwel wieħed li nkiteb, anki jekk fit-Testment il-Ġdid dan jiġi wara dak ta' San Mattew. Il-ktieb tiegħu hu wieħed ippakkjat bl-azzjoni minkejja li hu l-iqsar wieħed mill-erba' Evenġelji. Dan għamlu, għaliex ħafna mit-tagħlim ta' Kristu kien ġa kiteb fuqu San Mattew. Minflok, Marku ffoka ħafn' aktar fuq l-għemejjel li wettaq Kristu billi daħal fl-irqaqat kollha. Infatti, fil-ktieb tiegħu nassistu sa mill-bidunett għal sensiela twila ta' mirakli ta' fejqan li lkoll iseħħu bil-qawwa ta' Alla.

Uħud isostnu li, Marku kiteb l-Evanġelju bil-Latin, filwaqt li, oħrajn huma tal-fehma li kitbu bil-Grieg. Hu x'inhu l-każ, ħafna drabi, Marku jispjega t-tifsira tal-kelma bl-Aramajk, saħansitra jidħol ukoll fid-dettal dwar xi drawwiet Lhud. Dan għaliex, l-Evanġelista ried jindirizza kitbietu lill-pagani u lill-insara li ma kinux Lhud biex jiżgura li, il-messaġġ tiegħu jasal għand kulħadd. Infatti, il-ktieb ta' Marku nkiteb għaxar jew 17-il sena biss wara t-tlugħ ta' Kristu fis-sema fuq talba tal-Insara ta' Ruma wara li kien ġie kkmandat minn San Pietru nnifsu li, min-naħa tiegħu ried li jibda jinqara fil-knejjes u jitfisser lill-Insara. Ir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni skont Marku huwa tista' tgħid identiku għal dak ta' Mattew f'dawk li huma dettalji ta' kif seħħet din il-ġrajja fl-istess waqt misterjuża u mportanti. Il-Vanġelu nkiteb bejn wieħed u ieħor bejn il-65 u 70 w.K. waqt li San Marku kien f'Ruma. Lil Marku jpinġuh dejjem ħdejn iljun. Dan għaliex, il-Vanġelu tiegħu jiftaħ proprju b'dawn il-kelmiet tal-profeta: "Jistama' leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq għall-Mulej." Dan il-leħen hu ta' Ġwanni l-Battista, li tabilħaqq għex fid-deżert, fix-xagħri: u l-iljun igħix ukoll fid-deżert. (Il-pittura tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù hija xogħol ta' Raffaele Ramiro Calì (1881-1945) u tinsab fil-Knisja, Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk.)



[7] Tibdila f'sura oħra superjuri jew bosta aħjar: tisbiħa tax-xbieha aktar minn qabel.
[8] Tagħqida ta' żewġ kelmiet bil-Grieg, *eus* (tajjeb) u *angelos* (anġlu, aħbar) = Euangelion (aħbar tajba, tal-ferħ).

Min kien storikament San Mark l-Evanġelista?: Marku kien jiġi bin Marija ta' Ġerusalemm (dik l-omm li kienet tilqa' f'darha lill-Appostli u l-ewwel insara fosthom, lil S. Pietru wara li kien inħeles mill-ħabs) u kuġin ta' San Barnaba l-Levita. Jingħad li, Marku tilef 'il missieru meta kien għadu żgħir. Kien aktarx ukoll, dak l-istess tifel li telaq jiġri u ħalla ħwejġu f'idejn is-suldati li arrestaw lil Ġesù. Bħal S. Luqa, Marku ma kienx wieħed mit-12-il Appostlu. Għall-ewwel, Marku kien jiġri ma' S. Pawl fuq safar missjunarju, imbagħad mar ma' kuġinuh, u spiċċa dixxiplu ta' S. Pietru, tant li, dan tal-aħħar għammdu ftit wara t-Tlugħ fis-Sema tal-Imgħallem. Hu fatt li, Marku ġabar ħafna mill-materjal tal-Evanġelju minn fomm S. Pietru stess. Madwar is-sena 63 Marku kien flimkien ma' S. Pietru meta dan kiteb l-ewwel ittra tiegħu minn Ruma lill-Insara mxerrdin mal-Asja ż-Żgħira. Sena wara mar lura lejn il-Lvant u ħadd ma jaf x'ġara minnu aktar wara l-martirju ta' S. Pietru u S. Pawl. Jingħad li, Marku miet mewta naturali u mhux permezz tal-martirju. Il-Knisja Kattolika tiċċelebra l-festa tiegħu nhar il-25 ta' April.



KAPITLU 9, 2-13: ***Sitt jiem wara Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Lbiesu sar abjad u jgħammex b'dija ta' l-għaġeb; ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk. U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù. Qabad Pietru u qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija." Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqu. Imbagħad ġiet sħaba għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu." Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesu waħdu.***

***Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet. Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x'kien ifisser 'tqum mill-imwiet'. Staqsewh u qalulu: "Għaliex jgħidu l-kittieba li l-ewwel għandu jiġi Elija?" "Tassew", weġibhom, "l-ewwel għandu jiġi Elija, u jerġa' jqiegħed kollox f'postu. Mela kif inhu miktub fuq Bin il-bniedem li għandu jbati ħafna u jkun imżeblah? Imma ngħidilkom: elija ġa ġie, u huma ġiebu rwieħhom miegħu kif għoġobhom, bħalma hemm miktub fuqu."***

**DWETT (Tenur u Baxx)**

| Ittra | Battuti | Temp | Tonalità | Espressjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| E | 126-141 | 4/4 | DO Maġġuri | *Moderato* |

Fl-Innu *di Gloria* Ġesù Salvatur tas-surmast Miruzzi nsibu dwett[9] sempliċi imma ħelu bejn it-Tenur[10] u l-Baxx[11]. Dan id-dwett, l-uniku wieħed fix-xogħol kollu, hu magħmul minn sentenza waħda ta' 16-il battuta[12], suddiviża f'żewġ frażijiet mhux indaqs ta' għaxar u sitt battuti l-waħda rispettivament. L-ewwel frażi (b. 126-135) mużikalment tinħiet b'mod differenti mit-tieni waħda għall-fatt li, din tħaddem l-hekk imsejjaħ kontrapunt[13] fejn il-vuċi tat-tenur issib l-eku tagħha fil-vuċi l-oħra tal-baxx, b'tali mod li, jiġu jinstemgħu qishom qedin jiġru wara xulxin. Fl-eżempju ta' hawn taħt slitt biss l-ewwel żewġ versi - *Ta' din l-art bid-dnub mifnija, Fuq il-għolja b'dawl miksija* (b. 126-9) biex inkun nista' nuri dan kollu. Tajjeb ngħidu li, t-tenur fil-fatt

[9] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet differenti, magħruf ukoll bħala *aria per due*.
[10] Vuċi maskili li l-aktar tagħmel noti għoljin. Hija dik il-vuċi li l-kompożituri l-aktar li jiktbu għaliha f'xi opra.
[11] Ismu miegħu, hija dik il-vuċi maskili li l-aktar tagħmel noti baxxi u ġeneralment għandha leħinha mill-eħxen possibbli.
[12] Miżura tal-mużika, jew aħjar, id-diviżjoni ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità egwali ta' valur. Battuta tinfired minn oħra billi tqiegħed stangetta (*barline*) bejniethom.
[13] Tip ta' ħjata mużikali fejn għandek żewġ melodiji jimxu flimkien imma li bejniethom jagħmlu sens mużikali.

jinstema' ottava[14] taħt dik miktuba – għalhekk hemm in-numru 8 f'sieq il-kjavi[15]. Dan ifisser li, il-vuċijiet qedin bejn wieħed u l-ieħor fl-istess reġistru u ħafna drabi jirkbu fuq xulxin. Fl-ewwel frażi wkoll, l-armonija hi waħda sempliċi tant li tinvolvi biss akkordji[16] primarji. F'dak li hu akkumpanjament imbagħad, tneħħi lit-trumbuni, jispikkaw in-noti stakkati[17] fost l-istrumenti, li jixbah ħafna lill-pizzikat[18] tal-korda f'xi arja operistika. Huma biss il-flawt u l-kwartin li jdoqqu l-istess melodija bħat-tenur.




Mhux l-istess fit-tieni frażi (b. 136-141), fejn il-vuċijiet jispiċċaw ikantaw weħidhom: *f'sebħ wisq kbir, Ġesù.* Hawn il-mużika tintiseġ mod ieħor tant li, minn waħda kontrapuntali ssir waħda omofonika[19] u biż-żewġ vuċijiet neżlin il-ħin kollu flimkien f'terzi paralleli. Fuq battuti 130-133 niżżilt l-ittra 'b' biex nuri li dawn huma ffurmati minn sekwenza ta' żewġ frażijiet żgħar, b'ġix battuti-il waħda, u bin-noti tat-tieni waħda ibjex minn dawk ta' qabilhom. Dawn iż-żewġ frażijiet hemm biss kwart aspett[20] jifridhom. Qabel ma t-tieni parti tad-dwett tiġi fi tmiemha, il-vuċijiet jeħlu fuq in-nota ta' qabel tal-aħħar minħabba li hemm pawsa[21] fuqha.




---

[14] Intervall ta' tmien noti, eż. minn Do sa do fuqha jew taħtha.
[15] Sinjal li bih jiġi ffissat l-isem tan-noti. Dawn is-sinjali jitqiegħdu fil-bidu ta' kull biċċa mużika.
[16] B'akkordju nifhmu għaqda ta' noti differenti flimkien.
[17] Sinjal fuq ras in-nota jindika taqsir fil-valur tagħha.
[18] Daqq bil-qris tal-kordi bis-swaba' flok bl-ark.
[19] Linja waħda ta' melodija bil-vuċijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu t' akkumpanjament fl-istess ħin.
[20] Sinjal fil-mużika li permezz tiegħu twaqqaf l-għamil tad-daqq sakemm ikun hemm bżonn.
[21] Pawsa, jew pont inkurunat, hu sinjal li jitqiegħed fuq in-nota u jservi biex biha żżomm il-valur tagħha kemm jidhirlek.

Għeluq: Fil-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla ser nitkellem fuq it-*Trasfigurazzjoni tas-Salvatur* skont San Luqa l-Evanġelista kif ukoll nagħti xi tagħrif interessanti fuq il-muntanja Tabor li fuqha Ġesù ttrasfigura ruħu. Ma jonqosx ukoll li, nislet xi silta mużikali oħra sabiħa minn dan l-innu solenni – il-famuża arja tal-Baxx.

Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Lijani għal żewġ raġunijiet ewlenin: (a) fl-okkażjoni tal-festa tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu Salvatur fuq it-Tabor li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Lija, u (b) fl-okkażjoni tal-110 anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-banda Lijana nhar it-30 ta' Diċembru 1906.

Bibliografija:

Awturi varji: **It-Testment il-ġdid tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu** – Għaqda Biblika Maltija 1975
Awturi varji: **Il-Bibbja** (il-Kotba Mqaddsa) tielet edizzjoni – Għaqda Biblika Maltija 2004
Grech Grazio Anton: **Erbatax-il profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin** – Għawdex 1998
Mifsud Bonnici Robert: **Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum** – Giovanni Muscat Malta 1951
Preca Annibale: **Storja Sagra** illustrata f'erba' volumi – Giovanni Muscat, Malta 1948
Theuma Ġużeppi: **L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti** – Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2006